ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2011**

StudentBounty.com

Ro

**L-EWWEL SENA L-ISTUDJI SOĊJALI IL-ĦIN: SIEGĦA U NOFS**

**Isem: ______________________________ Klassi: ______________**

**Din il-karta tal-eżami fiha SEBA' taqsimiet (A, B, C, D, E, F u G). L-istudenti huma mitluba jwieġbu t-taqsimiet KOLLHA u jaqraw sew l-istruzzjonijiet għal kull taqsima. L-istudenti għandhom jiktbu t-tweġiba tat-Taqsima G fuq karta separata.**

**Taqsima A: Immarka VERU jew FALZ u għid għaliex:**

1. Is-soċjetà hi magħmula minn nies li għandhom il-vot biss. VERU/FALZ

**GĦALIEX** ______________________________________________

______________________________________________

2. Il-ħbieb jgħinuni nitgħallem it-tajjeb tal-ħajja biss. VERU/FALZ

**GĦALIEX** ______________________________________________

______________________________________________

3. Kull persuna f'soċjetà twieldet f'xi tip jew ieħor ta' familja. VERU/FALZ

**GĦALIEX** ______________________________________________

______________________________________________

4. L-ambjent naturali hu magħmul mit-toroq, bini u lukandi. VERU/FALZ

**GĦALIEX** ______________________________________________

______________________________________________

5. L-edukazzjoni hi obbligatorja għax is-soċjetà tħoss li din hi importanti. VERU/FALZ

**GĦALIEX** ______________________________________________

______________________________________________

**10 marki**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima B: Imla l-vojt billi tagħżel il-kelma t-tajba:**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| vizzji | indaqs | ir-rwol | ir-rispett | esperjenzi |
| ikkundannata | *peer group* | naħlux | edukat | nukleari |
| primarja | il-ġenerazzjonijiet | niżviluppa | madwarna | arja |

1. Il-familja ____________________________ hi magħmula minn ġenituri u tfal.
2. Il-familja hi eżempju ta' aġent tas-soċjalizzazzjoni ________________________________.
3. Il-familja simetrika hi waħda fejn il-ġenituri jaqsmu x-xogħol u r-responsabbiltajiet ____________________________ bejniethom.
4. Fil-familja, l-anzjani (in-nanniet) ġieli jkollhom ____________________________ li jieħdu ħsieb in-neputijiet.
5. Fil-grupp, il-ħbieb jgħinuni ____________________________ l-karattru tiegħi.
6. L-aktar grupp ta' ħbieb li nagħmilha magħhom u li jinfluwenzawni jissejjaħ ____________________________.
7. Il-ħbieb jistgħu jwaqqgħuk f'____________________________ ħżiena bħat-tipjip u d-droga.
8. Ħbieb ta' veru jaqsmu miegħek kemm ____________________________ ta' ferħ u anke ta' niket.
9. Wieħed mill-valuri bażiċi li nitgħallmu fl-Istudji Soċjali hu ____________________________.
10. Dak li nitgħallmu fl-Istudji Soċjali jgħinni nkun bniedem ____________________________.
11. L-għalliema tal-Istudji Soċjali jgħinuna nsiru aktar konxji mill-ambjent ta' ____________________________.
12. Minħabba li hawn ħafna karozzi fit-toroq qed ikollna ħafna tniġġiż tal-____________________________.
13. Biex nieħdu ħsieb l-ambjent, mhux biżżejjed li ma narmux karti fl-art, iżda rridu wkoll ma ____________________________ enerġija (dawl u ilma).
14. Kull tip ta' moħqrija tal-annimali għandha tkun ____________________________.
15. Għandna bżonn nieħdu ħsieb l-ambjent biex igawduh ukoll ____________________________ futuri.

**15-il marka**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima C: Qabbel KOLONNA A ma' KOLONNA B billi tikteb in-numr[illegible] pprovdut. Fil-Kolonna B hemm frażi żejda:**

| KOLONNA A | NUMRU | KOLONNA B |
|---|---|---|
| 1. Is-Settur Primarju tal-Edukazzjoni | | Imexxi l-iskola, jieħu ħsieb l-għalliema, l-istudenti u l-ħaddiema kollha fl-iskola. |
| 2. Edukazzjoni Formali | | Sett ta' regoli u liġijiet li jridu jinżammu biex ikun hemm l-ordni. |
| 3. L-Istudji Soċjali | | Tagħlim li niħduh mill-iskola. |
| 4. Kulleġġi | | Persuni li għażlu l-vokazzjoni li jgħallmu u jedukaw lit-tfal. |
| 5. Illitterat | | Għalliema li jgħinu lill-istudenti fl-għażliet u fil-problemi li jistgħu jaffaċċjaw. |
| 6. Il-Valuri | | Persuna li ma tafx tikteb u taqra. |
| 7. *Guidance teachers* | | Dawn nitgħallmuhom minn dawk ta' madwarna (pereżempju l-onestà u r-rispett). |
| 8. Edukazzjoni terzjarja | | Hawn issib studenti minn *Year* 1 sa *Year* 6. |
| 9. Dixxiplina | | Tirreferi għal korsijiet f'livell ta' Università. |
| 10. Għalliema professjonali | | Grupp ta' skejjel fejn l-istudenti jibqgħu telgħin flimkien fis-sistema edukattiva. |
| | | Wieħed mis-suġġetti obbligatorji. |

**10 marki**

**Taqsima D: Agħżel billi timmarka t-tweġiba t-tajba:**

1. Ta' liema tip ta' aġent tas-soċjalizzazzjoni hija l-iskola?
   a. primarja
   b. sekondarja
   c. terzjarja

2. Mhux dejjem naqblu flimkien għalhekk
   a. għandna kultant inċedu u naraw kif insibu ftehim
   b. għandna nġiegħlu lil sħabna jaqblu magħna
   c. għandna naraw kif tgħaddi dejjem tagħna

3. Bniedem ma jistax jgħix waħdu għax
   a. jibża'
   b. għandu bżonn nies oħra ma' min jaqsam l-esperjenzi tiegħu
   c. għandu bżonn nies oħra ma' min jiġġieled biex tgħaddi tiegħu

4. Bniedem pessimist
   a. dejjem jara l-ħażin f'kollox
   b. dejjem jara t-tajjeb f'kollox
   c. hu politikant

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

5. Relazzjoni hi meta żewġ persuni jew aktar
   a. jiġġieldu ma' xulxin
   b. iħażżu mal-ħajt ta' xi bini abbandunat
   c. jitkellmu jew jaqsmu l-ideat tagħhom flimkien

6. Il-prinċipji bażiċi tal-ħarsien tal-ambjent huma t-*3 R's*, li jfissru
   a. *Research*, *Repair* u *Refrain*
   b. Rimi, Riħa u Rekken
   c. *Reduce*, *Reuse* u *Recycle*

7. *Leadership*/tmexxija tajba fi grupp tfisser
   a. li persuna tmexxi u tagħha biss hu tajjeb
   b. li persuna tmexxi u tfittex li jkun hemm qbil
   c. li persuna se toħroġ għall-politika

8. Familja estiża hija
   a. grupp ta' familjari, ġenituri, tfal u qraba oħra li jgħixu flimkien
   b. familja fejn l-omm u l-missier qed jgħixu f'postijiet differenti
   c. grupp ta' nies li ma jiġux minn xulxin

9. Ir-rwol tan-nanniet fil-familja jista' jkun li
   a. jmorru jgħixu f'dar għall-anzjani
   b. jagħtu l-pensjoni lit-tfal
   c. jgħinu fejn jistgħu fit-trobbija tan-neputijiet

10. Meta nuża l-Internet
   a. irrid nuża r-rispett xorta waħda
   b. dejjem inkun qed naħli l-ħin
   c. nista' ngħid u nagħmel li rrid

**10 marki**

**Taqsima E: Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li ġejjin:**

1. Semmi **ŻEWĠ** postijiet f'Malta jew Għawdex fejn għadek tista' tgawdi l-ambjent naturali.

______________________________________________

______________________________________________

2. Semmi **ŻEWĠ** drittijiet li jgawdi l-istudent fis-soċjetà Maltija.

______________________________________________

______________________________________________

3. Semmi **ŻEWĠ** dmirijiet jew responsabbiltajiet li għandhom l-ulied.

______________________________________________

______________________________________________

4. Semmi **ŻEWĠ** eżempji ta' imġiba ta' bniedem edukat.

______________________________________________

______________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

5. Semmi **ŻEWĠ** eżempji ta' imġiba li turi nuqqas ta' edukazzjoni.

6. Semmi **ŻEWĠ** festi ċċelebrati f'Malta jew Għawdex.

7. Semmi **ŻEWĠ** tradizzjonijiet Maltin.

8. Semmi **ŻEWĠ** binjiet li naraw f'raħal tipiku Malti.

9. Semmi **ŻEWĠ** kwalitajiet li permezz tagħhom bniedem jingħaraf minn ieħor.

10. Semmi **ŻEWĠ** persuni li jagħmlu parti mill-familja tiegħek.

**20 marka**

**Taqsima F: Aqra dawn is-sitwazzjonijiet u wieġeb x'kont tagħmel int:**

1. Studenta fil-klassi tiegħek għandha LSA (*Learning Support Assistant*) magħha biex tgħinha matul il-ġurnata fl-iskola. Darba minnhom l-LSA kienet ma tiflaħx u din l-istudenta bdiet tħossha mitlufa mingħajrha. X'kont tagħmel int f'sitwazzjoni bħal din?

2. Wara l-ħin tal-iskola, int u sejjer id-dar bil-mixi, rajt xi studenti mill-iskola tiegħek li kienu qed jagħmlu ħsara u vandaliżmu fi ġnien qrib l-iskola. Kif iġġib ruħek int f'sitwazzjoni bħal din?

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. Ħabiba tiegħek qed tħossha mdejqa għax fil-familja tagħha għandha xi problemi. H
li l-ġenituri tagħha se jisseparaw. Qed taraha tinbidel. X'tagħmel int f'sitwazzjoni bħal

4. Il-kunsill lokali talab lir-residenti joħorġu b'ideat ta' kif jista' jissebbaħ l-ambjent. Kif kont iġġib ruħek int f'sitwazzjoni bħal din?

5. Ħabib tiegħek qed jgħaddi ħafna ħin quddiem il-kompjuter, tant li kull meta tkunu tridu toħorġu bħala grupp flimkien, dejjem iġib l-istess skuża. Qed tarah jinqata' waħdu. Int x'tagħmel f'sitwazzjoni bħal din?

**15-il marka**

**Taqsima Ġ: Agħżel WIEĦED mit-titli li ġejjin u ikteb komponiment ta' madwar 100-120 kelma dwaru:**

1. Jien bniedem uniku, differenti mill-oħrajn.
2. F'Malta hawn tipi ta' familji differenti. Iddeskrivi **TLIETA** minn dawn.
3. L-influwenza tal-ħbieb tista' tkun kemm pożittiva kif ukoll negattiva.
4. Fil-proċess tal-edukazzjoni ma nitgħallmux biss is-suġġetti, iżda ukoll l-imġiba tajba.

**20 marka**

**Total: 100 marka**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers